MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Avviz Numru. 4/2005

**Nazzareno Theuma**

**-vs-**

**Emmanuel Balzan u Maureen Balzan**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsuh is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) mislufa lill-konvenuti skond skrittura tat-tletin (30) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), liema somma kellha tigi restitwita entro sena minn dik il-kitba, kif ukoll sabiex ihalsu s-somma ta’ mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240), f’imghaxijiet skond dik l-iskrittura.

Bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorja u ufficcjali ta' Jannar 2005.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti minkejja li debitament notifikati bl-avviz u bl-appuntament ghas-smiegh ta' din il-kawza naqsu li jidhru biex jikkontestaw l-istess talba.

Rat illi l-konvenuti naqsu li jirrispondu ghall-kapitoli ghas-subizzjoni li gew approvati fis-seduta tal-lum stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Billi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata.

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-attur somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) mislufa lill-konvenuti skond skrittura tat-tletin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), liema somma kellha tigi restitwita entro sena minn dik il-kitba, kif ukoll sabiex ihalsu s-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240), f'imghaxijiet skond dik l-iskrittura.

Bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorja u ufficcjali ta' Jannar 2005.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------